MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1988/1997/1

**Maria Galea (illum Farrugia)**

**v.**

**Grace Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:

"Premess illi l-attrici kienet f'akkordju mal-konvenuta sabiex jiggestixxu negozju bi shab flimkien fil-hanut maghruf bhala Beauty Dream Salon, f' Colesium Arcades, Shop number 6, Zachary Street, Valletta;

"U premess illi l-konvenuta kellha l-kirja tal-hanut fuq imsemmi u l-ftehim kien li n-negozju ta’ bejniethom kellu jigi gestit fil-fuq imsemmi hanut u l-kirja tkun tappartjeni lit-tnejn;

"U premess illi l-partijiet kienu ifformaw bejniethom socjeta` b’responsabilita` limitata jisimha “Beauty Dream Ltd”;

"U premess illi in vista ta’ dan in-negozju u l-akkordji ta’ bejniethom l-attrici hallset flus lill-konvenuta fl-ammont ta’ disat elef seba’ mija u hamsin lira Maltija (LM9750);

"U premess illi finalment in-negozju ta’ bejniethom sfratta kompletament u l-konvenuta qatt ma ttrasferit il-kirja tal-hanut fuq imsemmi fuq l-attrici jew fuq is-socjeta` formata bejniethom;

"U premess illi l-partijiet qatt ma ffinalizzaw bil-miktub, kif kien mehtieg skond il-ligi, l-akkordji li huma kienu qed jaghmlu dwar il-kirja u n-negozju fuq imsemmi u partikolarment dwar l-assenjazzjoni u t-twellija ta’ dik il-kirja u l-avvjament sija lis-socjeta` kostitwita bejniethom sija lill-attrici personalment;

"U premess illi ghalhekk l-ammont imhallas mill-attrici lill-konvenuta gie mhallas indebitament ghaliex mehud in konsiderazzjoni ta’ nofs sehem tal-kirja fuq imsemmija u ta’ l-avvjament fl-istess hanut liema sehem qatt ma gie trasferit mill-konvenuta;

"U Premess illi l-attrici issa saret taf li l-konvenuta qeghda f’ akkordji biex titrasferixxi din il-kirja lil terzi;

"Tghid l-istess konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tikkundannaha:

"1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ disat elef seba’ mija u hamsin lira maltija (LM9750) flus mill-istess attrici mhallsa lill-konvenuta indebitament kif fuq inghad u dan flimkien ma’ l-imghax

kummercjali minn Novembru, 1996 sad-data tal-pagament effettiv;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ Lulju 1997 u tal-mandat ta’ qbid kontestawlment pprezentat."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1.Illi ma hemm ebda indebitu ghaliex kull somma li setghet harget l-attrici kien parti mir-riskju tan-negozju; b’ dan l-attrici kienet konxja; illi l-inkwilinat tal-hanut qatt ma gie trasferit lis-socjeta` Beauty Dream Limited fuq il-parir ta’ l-Accountant tal-kumpannija Richard Galea, hu l-attrici sabiex ma jithallasx sena kera lis-sid;

"2.Illi titolament ta’ l-attrici huwa se mai nofs l-assi u nofs il-passivi fis-socjeta` Beauty Dream Limited; l-attrici qed tippretendi nofs l-ammont minnha investit minghajr ma tiehu responsabilita` ghat-telf u l-ispejjez l-ohrajn; l-attrici kienet originarjament obbligat ruhha li thallas tnax-il elf lira Maltin (Lm 12,000) u dan sabiex takkwista nofs in-negozju: hija effettivament harget biss disat elef u seba’ mitt Lira Maltin (Lm 9700) u dan kien sabiex takkwista nofs l-avvjament, nofs l-istokk u l-krediti u tidhol ghal nofs id-dejn; li tista’ tippretendi l-attrici huwa li jinqasmu l-assi u l-passivi u jigu divizi u mhux li tiehu lura l-flus li harget ghaliex dak kien ir-riskju tan-negozju;

"3.Illi l-attrici kkawzat lill-konvenuta danni konsistenti f’ telf dirett ta’ stokk u telf ta’ qligh u rovina ta’ investiment taghha ghal liema raguni il-konvenuta kienet kostretta taghlaq in-negozju u ghalhekk il-konvenuta qed tipprocedi rikonvenzjonalment ghal danni;

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li tghid hekk:

"1.Premess illi l-partijiet kienu ftehmu illi kellhom jikkolloboraw fit-tmexxija ta’ negozju diga` ezistenti u cioe` fit-tmexxija ta’ Beauty Salon; il-linji tal-ftehim kienu li l-attrici Maria Galea tohrog tnax-il elf Lira Maltin li kienu

jinkludu l-avvjament tan-negozju, l-i*stocks*, id-dritt li tmexxi Salon, u l-ispejjez biex infetah in-negozju;

"2.Premess illi l-attrici kienet tiehu s-somma ta' tliet mitt Lira fix-xahar biex tmexxi n-negozju u effettivament ma waslitx biex thallas is-somma miftiehma ta' tnax-il elf izda hallset biss disat elef u seba' mitt lira;

"3.Premess illi minhabba il-malamministrazzjoni u qerq fit-tmexxija tan-negozju u flus min-naha ta' l-attrici Maria Galea, il-konvenuta ma kellhiex alternattiva hlief li taghlaq in-negozju u b' hekk sfratta l-investiment taghha u tilfet hafna qligh u flus investiti u b' hekk il-konvenuta sofriet hafna danni;

"Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta Maria Galea ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1.Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet suesposti, l-attrici kkawzat danni lill-konvenuta;

"2.Tillikwida d-danni hekk ikkawzati;

"3.Tikkundanna lill-attrici Maria Galea thallas lill-konvenuta Grace Borg id-danni hekk likwidati."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"Illi fl-ewwel lok l-istess talba identika gja dedotta in gudizzju fic-citazzjoni numru 1686/97 ismijiet inversi u ghalhekk il-kontrotalba hija vessatorja u josta ghaliha l-'*lis alibi pendens*';

"Illi fit-tieni lok il-konvenuta ma ghandhiex interess guridiku fl-azzjoni minnha intentata;

"Illi fit-tielet lok l-attrici ma ghandha taghti l-ebda flus lill-konvenuta u anke billi tali ftehim bejniethom se mai ried ikun bil-miktub u anke billi l-konvenuta kienet weghdet lil-attrici li ser titrasferixxi l-kirja tal-hanut li sussegwentement ma ghamlitx u minflok bieghet l-istess hanut lill-terzi;

"Illi l-azzjoni kif proposta hija improponibbili billi l-fatti kif esposti ma jwasslux ghall-ebda dritt ta' azzjoni kif hemm pretiz;

"Illi fil-mertu l-fatti allegati mill-attrici (*recte*: konvenuta) ma humiex minnhom u ghalhekk ukoll l-azzjoni tal-konvenuta ma tistax tirnexxi;

"Illi t-talbiet tal-konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi-
"bl-akkoljiment ta' l-ewwel eccezzjoni, tichad l-istess in bazi ghall-azzjoni sperimentata, b'dan illi qed tirrizerva favur l-istess attrici kwalunkwe azzjoni ohra li jista' jkollha kontra l-konvenuta. Tichad ukoll il-kontro-talba billi ma gewx dedotti provi sufficcjenti in sostenn taghha. Kull parti tbati l-ispejjez proprji tat-talba jew tal-kontrotalba."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-azzjoni esperita mill-attrici hi dik ta' ripetizzjoni ta' indebitu. Fil-ligi taghna l-istitut ta' l-indebitu hu prospettat taht zewg speci: dak soggettiv jew *ex persona*, tal-kreditur jew tad-debitur, a norma ta' l-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili; dak oggettiv jew *ex re* fit-termini ta' l-Artikolu 1147 ta' l-istess Kodici. Jokkorri li jigu riprodotti hawn dawn id-disposizzjonijiet ghall-ahjar elucidazzjoni tal-materja agitata:-

"Artikolu 1021 - "Kull minn jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd";

"Artikolu 1022 (1) - "Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur";

"Artikolu 1147 (1) - “Kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura”;

"Subinciz (2) - “Izda, ma hemmx jedd ta’ azzjoni ghall-hlas lura jekk dak li thallas kellu jinghata bis-sahha ta’ obbligazzjoni naturali”;

"Huwa evidentament distingwibbli minn dawn id-disposizzjonijiet illi ghalkemm fiz-zewg speci d-dritt ta’ ripetizzjoni ghandu l-istess fondament, il-fattispeci tal-wahda hu divers minn ta’ l-ohra;

"Markatament, din id-diversita` tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-kaz ta’ l-indebitu *ex persona* il-pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz ta’ l-indebitu *ex re* id-debitu li bil-hlas gie estint ma jezistix affattu. Dan jew ghaliex qatt ma ezistiet l-kawza originarja tar-rapport (“*condictio indebiti sine causa*”) jew ghaliex din il-*causa* giet nieqsa successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahta kienet sottoposta (“*condictio indebiti ab causam finitum*”). F’ din l-ahhar ipotesi ta’ indebitu oggettiv huwa ghalhekk irrilevanti l-izball, o meno, fis-*solvens*. Dan anke ghaliex l-istess ligi ma tipprovdix dwaru fl-Artikolu 1147;

"Rigwardata l-materja mill-punto di vista ta’ l-Artikolu 1022, biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta’ indebitu jinhtieg li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u cjoe:

"(a) li jkun sar pagament;

"(b) li dan il-pagament ma kienx dovut;

"(c) li l-pagament ikun sar bi zball.

"Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-hlas, l-inezistenza tal-*causa solvendi* u l-izball;

"Riferibilment ghat-tieni element li bhall-ewwel wiehed jghodd ukoll ghal kaz ta’ indebitu *ex re* (Artikolu 1147) jinsab spjegat illi “jista’ jkun hemm pagament mhux dovut

f' diversi ipotesijiet, u wahda minn dawk l-ipotesijiet hu meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex tiddistruggih, mhux biss civilment, imma anke naturalment" (**Kollez. Vol. XLV P III p 782**);

"Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball il-gurisprudenza taghna, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-*accipiens* il-hlas irid ikun ricevut minnu "sew xjentement jew bi zball" (Artikolu 1021), fil-kaz tas-*solvens* li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan li skond is-sentenza a **Vol. XXXIII P II p 332**, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi", mentri invece, skond is-sentenza precitata a **Vol. XLV P III p 782**, "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali";

"Huwa pacifiku, pero`, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-*solvens*, u b' mod specjali jekk isir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas." (**Kollez. Vol. XLI P I p 76**);

"Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt *in subjecta materia*, il-fatti sostanzjali li taw lok ghall-kawza prezenti huma dawn:-

"(1) Skond l-attrici, il-kontendenti kkonvenew li jiggestixxu negozju flimkien. Dan kemm fir-rigward tax-xiri u bejgh ta' prodotti tal-*make up* kif ukoll fil-kaz ta' servizzi mill-*beauty salon*. Fir-rigward fil-5 ta' Novembru 1996 gew ifformati u registrati zewg kumpaniji bl-isem G. L. M. Beauty Limited (fol. 112) u "Beauty Dream Company Limited" (fol. 124). L-ewwel socjeta` msemmija kienet ifformata bil-partecipazzjoni wkoll ta' Lina Faure;

"(2) Il-ftehim bejn il-kontendenti kien jinvolvi hlas da parti ta' l-attrici lill-konvenuta tas-somma ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) korrispondenti ghal nofs il-valur ta' l-i*stock* ezistenti u tal-*"key money*" li l-konvenuta kienet allegat

ma' l-attrici li hi kienet zborsat fl-okkazjoni lilha tat-twellija tal-hanut. Ara Affidavit responsiv ta' l-attrici a fol. 53 u d-dokument redatt mill-konvenuta a fol. 56;

"(3) Dejjem fil-versjoni ta' l-attrici kien appattwit illi l-kirja tal-fond li, incidentalment kienet f' isem il-konvenuta ghan-nom tas-socjeta` Kampanella Holdings Ltd (ara skrittura datata 1 ta' Frar 1996 a fol. 108), kellha ddur fuqha wkoll jew f' isem is-socjeta` kostitwita Beauty Dream Company Limited. F' dan, l-attrici hi sostenuta minn Luke Richard Galea (fol. 174) li fil-kwalita` tieghu ta' *accountant*, kien ha hsieb ir-redazzjoni taz-zewg socjetajiet fuq imsemmija;

"Fuq dan il-punt il-konvenuta tiddivergi mill-attrici billi ssostni li fuq parir ta' l-istess *accountant* il-kirja kellha tibqa' fuqha biex b' hekk jigi ffrankat il-hlas lis-sidien ta' dak li hi tikkwalifika bhala "lawdemju" u li fir-realta` kien jikkorrispondi ghal hlas ta' sena kera ghall-fatt tar-rikonoxximent mis-sidien;

"(3) Hemm qbil li l-attivita` gestjonali tan-negozju operat ghal xi xhur biss izda mbaghad il-konvenuta ddecidiet li twaqqaf l-operazzjonijiet ghax fi kliemha stess "jien gejt f' sitwazzjoni li kelli naghlaq in-negozju mill-ewwel ghaliex ma stajtx noqghod hemmhekk ghassa tieghu, u ma kienx negozju li fih tqabbad salesgirl u thalliha hemm hekk. Dan minhabba t-tip ta' prodott li jiskadi wara ftit zmien u jeqdiem u johorgu prodotti godda kontinwament" (ara Affidavit ta' l-attrici, fol. 47). Ziedet taggungi li kien hemm tahwid fin-negozju u li l-flus fil-*beauty salon* bdew jonqsu;

"(5) Mill-ammont miftiehem ta' tnax-il elf lira l-attirci hallset biss is-somma ta' disat elef seba' mija u hamsin lira (Lm9750). L-attrici tistqarr li hi ma hallsetx il-bilanc ghaliex kont qeghda ninduna li l-konvenuta kienet baqghet tirrifjuta li ddawwar il-kera tal-hanut fuq il-kumpanija, u, *ex confessis* "ghalija din kienet importanti hafna ghaliex jien rajtha bhala wiehed mill-mezzi principali li jipprotegu l-investiment tieghi fil-kumpanija" (fol. 54; ara wkoll Affidavit ta' l-istess attrici, in partikolari, fol. 25);

"(6) Bhala fatt jirrizulta wkoll illi wara li l-konvenuta ghalqet il-hanut din ittrasferiet il-fond lil terzi (Ara skrittura ta' ftehim datata 13 ta' Ottubru 1997 a fol. 103);

"Mill-korp tac-citazzjoni jirrizulta li l-attrici ggib bhala raguni ghar-ripetizzjoni ta' l-indebitu l-fatt li n-nofs sehem tal-kirja u ta' l-avvjament qatt ma gie trasferit lilha. Mill-fatti premessi jidher li, jekk wiehed kellu jaccetta l-versjoni ta' l-attrici, il-kirja kellha se mai tghaddi fl-assi socjali tal-kumpanija kostitwita, u mhux li l-attrici personalment issir ko-inkwilina flimkien mal-konvenuta, ossija mal-kumpanija taghha Kampanella Holdings Limited, il-vera titolari ta' l-inkwilinat tal-fond;

"Dak li hu pero` aktar fundamentali minn dan appena registrat huma fil-hsieb tal-Qorti s-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"(1) Il-hlas li sar jirrizulta certament minn konvenzjoni bejn l-attrici u l-konvenuta. Ma jistax ghalhekk ikun sostenut illi l-obbligazzjoni hija inezistenti jew li l-pagament li sar hu null ghax bla kawza. Dak li forsi jista' jinghad hu li l-konvenuta ma ddizimpenjatx u ma ssodisfatx l-obbligazzjoni taghha li tikkonferixxi l-kirja fil-kumpanija. Tali inadempjenza tista' se mai twassal ghall-annullament jew rexxissjoni tal-konvenzjoni izda fil-kaz in ispecje dan ma ntalabx, u allura, kif jinsab ritenut, "l-azzjoni ta' l-indebitu ma tistax tikkonfondi ruhha ma' dik tan-nullita` jew tar-rexxissjoni" (**Kollez. Vol. XXX P I p 103**);

"(2) M' hemmx dubju illi, jekk accettata l-versjoni ta' l-attrici, l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuta relattivament u in konnessjoni mal-kirja tal-fond u l-gestjoni flimkien din probabilment ma kienetx tikkuntratta kieku setghet tipprevedi l-inadempjenza ta' l-obbligazzjoni da parte tal-konvenuta. Kif gja nghad f' tali eventwalita` l-kuntratt seta' jigi annullat jew rexxiss izda billi dan ma ntalabx din il-Qorti ma tistax guridikament tiddikjara l-konvenzjoni nulla b' mod li din iggib id-dritt tar-ripetizzjoni ta' dak li jkun thallas;

"(3) Huwa logiku ghalhekk illi ma jistax jinghad li l-obbligazzjoni kienet difettuza ghaliex qatt ma kien hemm vinkolu jew ghaliex dak il-vinkolu, anke jekk kien jezisti, gie nieqes successivament ghaliex gie annullat jew rexxiss, kif hekk kien il-kaz fis-sentenza citata a **Vol. XLV P III p 782**;

"(4) Dak li huwa cert hu li in bazi ghall-fatti processwali ottenuti lanqas ma jezisti l-indebitu soggettiv bil-konsegwenti dritt fl-attrici ghar-ripetizzjoni. Dan ghar-raguni ovvja illi l-pagamenti li saru mill-attrici ma jistghux jigu konsidrati li saru f' sitwazzjoni ta' zball. Del resto lanqas l-istess attrici ma tissuggerixxi jew tissottometti li hi effettwat hlasijiet bi zball izda sempliciment illi l-konvenuta naqset li tadempixxi l-obbligazzjoni taghha. Jekk imbaghad hi hallset xjentement dak li ma kienx hekk minnha dovut in vista ta' l-inadempjenza allegat tutt' al piu` dan jaghti lok ghal sitwazzjonijiet diversi u rimedji ohra izda mhux dik tar-restituzzjoni tal-hlasijiet minnha maghmula bl-azzjoni kif intentata. Kif intqal fis-sentenza "**Alfred Tonna *et* -vs- Carmela Bugeja *et***", Appell Civili, 8 ta' Frar 1957, "f' dan il-kaz, min ikun hallas ma jistax jilmenta bir-ragun, u jekk kellu xi dannu, *imputet sibi*";

"In bazi ghas-suesposti konsiderazzjonijiet l-azzjoni attrici kif proposta ma tregix. Similment, din il-Qorti ma ssibx li l-kontrotalba tal-konvenuta tinsab adegwatament sorretta mill-provi la f' dik li hi sostanza ta' l-allegata malamministrazzjoni u qerq u lanqas ghal dak li hu l-kwantum tad-danni pretizi. Bizzejjed issir referenza ghall-Affidavit tal-konvenuta a fol. 45 biex jigi determinat kemm l-istess kontro-talba hi nieqsa minn kull fondament u legittimazzjoni. Veru li l-konvenuta taccenna ghall-nuqqas ta' introjti mill-*beauty salon* izda mbaghad ikollu jinghad li "*troppo fumo, ma niente arrosto*". L-allegazzjonijiet jew akkuzi taghha ma jinsabux korroborati minn imkien mill-provi u kollox jindika illi hi ddecediet li taghlaq il-hanut u ttemm il-kompartecipazzjoni ma' l-attrici mhux ghar-ragunijiet imputati lill-attrici izda ghall-motivi ben diversi u li, ghallanqas ghal din il-Qorti, ihallu sapur ta' skopijiet ulterjuri u ben diversi minn dawk dedotti;

"Ma huwa qatt inopportun li jigi mfakkar illi l-qerq ma huwa qatt prezunt u jrid jigi pruvat minn min jallegah u biex dan ikun sostenut trid issir il-prova li parti wahda wzat *scienter* raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi (ara **Kollez. Vol. XLIX P II p 722**). Tali prova baqghet ma saretx ghas-sodisfazzjoni u konvinzjoni ta' din il-Qorti. Komplimentari ghal dan irid jinghad li kien jaggrava dejjem fuq il-konvenuta li tipprova wkoll l-ezistenza u l-entita` tad-danni li hi allegat li sofriet. Anke hawn din il-prova hi ghal kollox mankanti."

Rat li kontra din is-sentenza gie intavolat appell mill-konvenuta Grace Borg fejn talbet ir-revoka ta' l-ewwel sentenza fejn din cahdet it-talbiet rikonvenzjonali taghha, izda dan l-appell kien gie dikjarat dezert b'digriet moghti minn din il-Qorti fil-waqt ta' l-udjenza tal-5 ta' Frar, 2008;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici Maria Galea li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi riformata billi filwaqt li tigi konfermata in kwantu cahdet il-kontro-talba tal-konvenuta, tigi revokata fil-kumplament u b'hekk tiddeciedi billi tilqa' it-talbeit ta' l-attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim li in forza tieghu kellha tinholoq kumpanijia bl-isem ta' Beauty Dream Ltd., bil-hsieb li juzaw l-istess kumpanija biex biha jikkollaboraw fit-tmexxija ta' negozju ta' *beauty salon* li kien gia` jitmexxa mill-konvenuta minn hanut li kellha mikri fuq isimha. Il-linji tal-ftehim kienu li l-konvenuta ddawwar il-kirja ghal fuq isem il-kumpanija l-gdida waqt li l-attrici tohrog Lm12,000 li jkopru sehma ghall-avvjament tan-negozju, l-*istocks*, id-dritt li tmexxi s-*salon*, u l-ispejjez biex jinfetah in-negozju.

Il-kumpanija Beauty Dream Ltd. inholqot, u l-attrici bdiet tmexxi n-negozju u kienet hi li kienet tieghu hsieb it-"*takings*" tal-hanut. L-attrici hallset biss Lm9,750 mis-somma ta' Lm12,000 li kellha tikkontribwixxi u l-kirja tal-hanut qatt ma giet trasferita ghal fuq isem is-socjeta`; skond il-konvenuta dan sar fuq parir ta' l-*accountant* tal-kumpanija, Richard Galea, hu l-attrici, sabiex ma jithallasx sena kera lis-sid fit-termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni.

Gara li wara xi zmien, inqalghu divergenzi kbar bejn il-partijiet u l-arrangament li kien jezisti bejniethom sfaxxa. L-attrici ressqet din il-kawza fejn qed titlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' Lm9,750 li hi qed tallega li halset indebitament.

L-ewwel Qorti cahdet din it-talba wara li qieset li biex ikun hemm ripetizzjoni ta' indebitu jrid jirrizulta li sar hlas bi zball, u ladarba ma sar ebda pagament "bi zball", l-azzjoni attrici ma tistax treggi.

L-attrici appellat bl-aggravju centrali jkun li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet "esagerament formalistika"; hi targumenta li ladarba l-konvenuta naqset li tghaddi l-lokazzjoni fuq il-kumpanija li kellhom bejniethom kif kienet weghdet li ser taghmel, allura hija giet li kienet hallset il-flus lill-konvenuta minghajr ebda kontropartita u, ghalhekk, kien hemm l-indebitu.

Il-kawza, pero`, mhux daqshekk semplici. Il-partijiet ittentaw imexxu negozju flimkien, u ghal dan il-ghan sar qbil li l-konvenuta tikkontribwixxi n-negozju taghha gia` ezistenti, waqt li l-attrici tinvesti s-somma ta' Lm12,000. Ghalkemm dan il-ftehim ma kienx gie formalizzat, beda jigi attwat: giet kostitwita kumpanija gdida, sar hlas ta' parti mis-somma miftiehma, u l-attrici bdiet tmexxi n-negozju. Jekk kien hemm xi nuqqasijiet fl-esekuzzjoni tal-ftehim, ir-rimedji kellhom jintalbu fil-kuntest ta' dak il-ftehim, u mhux b'semplici talba ghar-rifuzjoni minhabba indebitu. F'kaz ta' ftehim li jmur hazin, trid issir talba ghar-revoka tal-ftehim jew ghal-likwidazzjoni tan-negozju li sehh b'rizultat tal-ftehim, izda parti ma tistax tipprexxindi minn dak il-ftehim, taghzel element wiehed minnu u titlob

rimedju li jqis biss l-interess taghha indipendentement mill-ftehim u l-attwazzjoni tieghu.

Bit-talba kif formulata, l-attrici donnha trid li tiehu lura dak li investiet fil-kumpanija, minghajr ma tqis l-uzu li sar minn dak l-investiment u l-andament tan-negozju.  Ladarba l-hlas sar ghal skop ta' negozju li, almenu in parte, beda jigi attwat, id-drittijiet tal-partijiet iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest tan-negozju u kif kien qed jigi operat.  L-attrici donnha riedet tahrab minn dan l-istharrig, u biex, forsi tevita indagini dwar l-operat taghha fin-negozju, ibbazat it-talba taghha ghar-rifuzjoni fuq indebitu.  Kif, pero`, tant tajjeb osservat l-ewwel Qorti, element ta' l-indebitu huwa pagament li jkun sar <u>bi zball</u>, u, <u>f'dan il-kaz, ma sar ebda hlas bi zball</u>.  Il-hlas sar b'rizultat ta' ftehim bejn l-attrici u l-konvenuta;  sar volontarjament ghal skop determinat, u jekk dan l-iskop ma setax jintlahaq minhabba inadempjenza tal-parti l-ohra, dan jista' iwassal ghall-annullament jew rexxissjoni tal-ftehim, izda mhux ghas-semplici restituzzjoni ta' dak investit fuq bazi ta' indebitu.

L-azzjoni ta' l-attrici, kif formulata, hija indirizzata lejn pagament li allegatament sar bi zball, u ma saret ebda talba ghat-terminazzjoni jew likwidazzjoni tan-negozju, u din il-Qorti ma tistax tmur lil hinn minn dak mitlub minnha, specjalment meta tqis li fid-duttrina l-azzjoni ta' l-indebitu ma tistax tikkonfondi ruhha ma' dik ta' nullita` jew rexxissjoni.  Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Sant v. Micallef**, deciza fit-30 ta' Novembru, 2007:
"kawzali kif espressa fic-citazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza u l-Qorti ghanhda toqghod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fic-citazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza moghtija tkun *extra petita*."

Din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ghandha toqghod biss fuq il-kawzali jew kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, u ma tistax tintralcja ruhha f'cirkostanzi u fatti li ma jidhlux f'dak il-kawzali jew kawzalijiet.

Ghal bqija din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajjeb tal-kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt li jikkoncernaw lil din

il-kawza, u ma ssib xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici Maria Galea billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti Maria Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------